

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 826/2011

tat-12 ta' Awwissu 2011

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura statistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, u speċjalment Artikolu 9(1)(a),

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ ta' prodotti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li tagħrif tariffarju li jorbot u li jkun inħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li hu marbut mal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jkun invokat mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(2)</sup>.

(5) Il-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalità tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Pilloli b'kuluri u forom differenti ta' annimali, ta' piż medju ta' madwar 950 mg, li jinbiegħu bl-imnut, kull pillola tikkonsisti minn (% tal-piż):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— sukrosju 61</li> <li>— lamtu 2.4</li> </ul> <p>B'żieda ma' dan, pillola waħda għanda dan il-kontenut:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— vitamina A (50 % bħala aċetat tar-retinol 375 µg u 50 % bħala karoten beta: 2 252 µg)</li> <li>— vitamina B1 1,05 mg</li> <li>— vitamina B2 1,2 mg</li> <li>— vitamina B3 13,5 mg</li> <li>— vitamina B6 1,05 mg</li> <li>— vitamina B9 300 µg</li> <li>— vitamina B12 4,5 µg</li> <li>— vitamina C 60 mg</li> <li>— vitamina D 10 µg</li> <li>— vitamina E 10 mg</li> </ul> <p>Barra minn dan hemm preżenti s-sustanzi li ġejjin: aċidu steariku, aċidu malejku, stearat tal-magneżju, bisulfat tas-sodju, glutin, żejt tal-qoton, diossidu tas-silċju, aċidu ċitriku, ġelatina, karbonat tal-kalċju, mono- u digliċeridi, fwejjaħ naturali u artifiċjali, kif ukoll aġenti li jagħtu kulur lill-ikel.</p> <p>Id-doża ta' kuljum rakkomandata indikata fuq it-tabella hija ta' pillola waħda kuljum.</p> <p>Skont it-tikketta l-prodott huwa tajjeb biex jiġi kkunsmat mill-bniedem.</p>	2106 90 98	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1 tal-Kapitolu 29, Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 2106, 2106 90 u 2106 90 98.</p> <p>Minħabba l-kompożizzjoni tiegħu, il-prodott m'għandux il-karatteristiċi ta' ħelu taz-zokkor tal-intestatura 1704 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata tal-Kapitolu 17, Ġenerali, il-punt (b)).</p> <p>Minħabba l-preżenza ta' sustanzi li mhumiex koperti min-Nota 1(a), (b), (c), (f) jew (g) tal-Kapitolu 29, il-prodott għandu jiġi eskluż minn dak il-Kapitolu.</p> <p>Il-prodotti ma jissodisfax ir-rekwiżiti tan-Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 peress li ma jingħataw l-ebda sgarrijiet dwar l-użu għal mard speċifiku, kundizzjonijiet jew is-sintomi taġġhom, u għalhekk ma jistax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 3004.</p> <p>B'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tiegħu, il-prodott għandu għalhekk jiġi kklassifikat bħala preparazzjoni alimentari taħt l-intestatura 2106.</p>